# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 43/8

It-Tlieta 23 ta' Frar 2021

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsilliera
Josianne Debono – l-Accountant tal-Kunsill

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

043.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

043.2 Approvazzjoni tal-*Financial Statement* 2020;

043.3 Tmiem tal-laqgħa

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta u ghaxra ta` filgħaxija (6.10pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsilliera li ghal din laqgħa giet mistiedna l-accountant tal-Kunsill biex tispjega ahjar l-Financial Statement ghas-sena 2020.

## 043.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija.

## 043.2 Approvazzjoni tal-*Financial Statement* 2020;

**Is-Sindku stiednet lill-accountant tal-Kunsill sabiex taghti spjegazzjoni tar-rapport finanzjarju.**

Is-Sinjura Debono bdiet billi qalet li dak li jinsab fil-Financial Statement ghas-sena 2020 qieghed jidher ukoll fil-Quarterly Financial Report li jkopri minn Jannar sa` Dicembru 2020.

Is-Sinjura Debono qalet li ghas-sena 2020, il-Kunsill kien ghamel surplus ta` €14,855 ftit inqas mis-sena ta` qabel. Is-Sinjura Debono spjegat li kien hemm zieda ta` €40K fid-dhul tal-Kunsill, fejn jinkorpora fondi ta` sena 2020 u l-allokazzjoni. Fost diversi skemi kien hemm skema tal-eco wardens, skema ta` tarmax mill-Regjun Nofsinhar, skema ta` LC Care fejn il-Kunsill ha nofs il-pagament u skema ta` Urban Greening li tammonta ghall-€30K.

Rigward hrug li sar fis-sena 2020, is-Sinjura Debono spjegat li kien hemm zieda ta` €19K li t-€13K minnhom kienu spejjez relatati mall-Urban Greening. Kien hemm ukoll spiza ohra ta` tlett elef relatati ma` zbir ta sigar.

Is-Sinjura Debono ziedet tghid li rigward spejjez amministrattivi ma kienx hemm zidiet kbar u li depreciation naqset. Kien hemm ukoll tnaqqis fl-ispejjez relatati ma` attivitajiet u dan minhabba l-effett tal-pandemija.

L-accountant tal-Kunsill spjegat ukoll li kien hemm zieda fi spejjez relatati ma` kuntratti u servizzi professjonjali fejn zieda qed tigi riflessa fil-kuntratt li l-Kunsill ghandu tal-Contracts Manager.

Rigward spejjez kapitali, Sinjura Debono qalet li kien hemm xiri ta` a/c fil-librerija u xi installazzjoni ta` cctv cameras fil-lokalita, spejjezz ta` computers u laptops, fejn parti sostanzjali minn dawn l-ispejjez, l-Kunsill ser jircievi xi fondi lura mill-AKL u Regjun Nofsinhar.

Is-Sinjura Debono kompliet tghid li matul is-sena 2020 kien hemm tnaqqis fil -flus li jinsabu fil-kont bankajri tal-Kunsill u dan ghal fatt li kien ammont sostanzjali ta` flus li hargu minhabba l-proggett ta` Mizura 4.3.

Is-Sindku talbet ghall-approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report minn Jannar sa `Dicembru 2020 u l-Financial Statement ghas-sena 2020. Il-Vici Sindku JM Callejja ssekonda u kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

**Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

043.3 Il-Laqgha ntemmet fis-sitta u nofs ta` filghaxija.

Konfermati, illum Tlieta 9 ta` Mejju 2021

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv